# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Seduta tal-lum, It-Tnejn 30 ta’ Settembru, 2024**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 92/2020 MH**

**Numru:3**

**Malta Playing Fields Association (VO/1266)**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat tal-Istat, Awtorita’ tal-Artijiet, SportMalta u Royal Malta Yacht Club (KMS/C/110/2009) għal kull interess li jista’ jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors kostituzzjonali tal-Malta Playing Fields Association (“MPFA”) tad-29 ta’ Mejju 2020** li permezz tiegħu ġie premess u mitlub –

1. *"Illi permezz ta' sentenza tal-***Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Ottubru 2015** *fl-ismijiet* ***Malta Playing Fields Association vs Il-Kummissarju tal-Artijiet, l-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali u l-Kunsill Malti ghall-Isport u b'digriet tas-16 ta' Frar 2010 giet msejha fil-kawza r-Royal Malta Yacht Club*** *gie dikjarat u konfermat li l-iStat ta' Malta u l-intimati kollha kienu kisru d-drittijiet fondamentali ta' l-Assocazzjoni rikorrenti kif protetti permezz tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem meta dawn kienu espropjaw u hadu pussess ta' art u cioe kumpless ta' bini f'Ta' Xbiex konsistenti f'Lido fi Triq ix-Xatt tax-Xbiex, u ghalhekk bhala rimedju ta' l-istess vjolazzjoni ordnat l-annullament tal-ordni ta' l-espropjazzjoni. Kopja ta' din is-sentenza hija hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dokument A***

2. *U Billi sallum ma giex ippubblikat, fil-gazzetta tal-gvern, dikjarazzjoni li jikkonferma li l-espropju in kwistjoni kien gie mhassar;*

3. *U Billi aghar minn hekk l-esponenti sallum, kwazi* ***hames snin*** *wara, l-esponenti ghadhom ma nghatawx lura l-pussess ta' hwejjighom u dan billi l-Gvern u partikolarment l-intimati kienu fil-mori tal-proceduri msemmija ghaddew l-istess art lis-socjeta intimata Royal Malta Yacht Club u qeghdin jassistu lill-istess Club intimat izzomm l-art in kwistjoni u dan b'disprezz assolut ta' l-awtorita ta' dina l-Onorabbli Qorti u l-ordnijiet taghha u dan inkwantu s-sentenza kostituzzjonali fuq premessa tohloq stat fil-konfront ta' l-intimati kollha.*

4. *U Billi ghalhekk l-Assocazzjoni rikorrenti ilha mcahda illegalment u bi ksur tad-drittijiet fondamentali taghha ghal* ***hdax-il sena*** *(billi l-esporpju sar fis-sena 2009).*

5. *U Billi dawn il-lezjonijiet tad-drittijiet fondamentali baqghet tipprogredixxi nonostante li l-intimati gew kemm il-darba interpellati inutilment sabiex in vista tas-sentenza suesposta jaghtu rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem*

6. *U Billi ghalhekk l-assocazzjoni rikkorenti kellha ipprocedi gudizzjarjament ghal reintegrazzjoni tad-drittijiet taghha ta' propjeta u dana billi ipprezentat ir-rikors guramentat fejn talbet lill-Qorti tirreintegra fil-pussess ta' l-art moghti lilha permezz tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli datat 29 ta' Awissu 2002 fuq premess u*

*dan in vista li l-espropju kien gie kancellat skond is-sentenza Kostituzzjonali, din il-kawza iggib in-numru 241/2016/JVC fl-ismijiet* ***Malta Playing Fields Associations (Vo/1266) Vs Royal Malta Yacht Club u b'digriet tat-2 ta' Gunju 2016 gew msejha fil-kawza l-Awtorita tal-Artijiet u l-Kunsill Malti ghall-Isports****; u ghadha pendenti sallum minkejja li r-rikorrenti kienet ghalqet il-provi taghha sas-17 ta' Jannar 2017.*

7. *U Billi l-assocjazzjoni rikorrenti ipprocediet b'kawza ohra, il-kawza Nru 596/17/FDP fl-ismijiet* ***Malta Playing Fields Association (Vo/1266) Vs Royal Malta Yacht Club u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2018 gew msejha fil-kawza l-Awtorita tal-Artijiet u l-Kunsill Malti ghall-Isports;*** *f'liema l-Assocjazzjoni rikorrenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ir-Royal Malta Yacht Club thallas kumpens ghall-okkupazzjonu u uzu tal-fond premess*

8. ***U Billi sallum wara dan iz-zmien kollhu l-assocjazzjoni rikorrenti ghadha ma nghatat l-ebda rimedju effettiv mill-Awtoritajiet ghal-lezjoni tad-dritt soffert minnha u ghadha tistenna l-ezitu tal-proceduri gudizzjarji hawn fuq istitwiti minnha u ghalhekk il-lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghha qed jipperdura.***

9. *U Billi mhux talli hekk talli l-istess Royal Malta qed tipprova taghmel zvilupp fil-vicinanzi tax-xatt b'dana illi jekk l-assocjazzjoni rikorrenti tinghata lura l-fond hija ser tigi pregudikata fit-tgawdija tal-istess propjeta;*

10. *Illi min dak hawn fuq premess jirrizulta illi l-Assocjazzjoni rikorrenti garbet lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghha kif sanciti ai termini ta';*

a) *L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal- Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan billi hija ghadha sal-gurnata tal-intavolar ta' dan ir-rikors mcahda mill-pussess u tgawdija tal-art mertu tal-proceduri kostituzzjonali u dan minkejja sentenza f'dan ir-rigward mill-Qorti Kostituzzjonali;*

b) *L-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u dan billi d-dewmien tal-proceduri civili, tenut kont tas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, zgur li ma jistax jitqiesu li hadu l-kors fi zmien ragonevoli;*

c) *L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem stante li l-intimati u l-iStat ta' Malta naqsu milli jaghtu rimedju effettiv lill-assocjazjoni rikorrenti:*

11. *U Billi daqstant in vista ta' dak premess, l-Assocjazzjoni rikorrenti ma kellha l-ebda ghazla hlief tirrikorri ghall-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti bil-ghan illi jigu rimedjati darba ghal dejjem il-lezjonijiet tad-dritt sofferti minnha;*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-assocjazzjoni rikorrenti, titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti, salv dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni, joghgobha:*

1. *Tisma din il-kawza b'urgenza u bi speditezza sabiex jinghata rimedju effettiv ghal vjolazzjonijiet li l-assocjoni qieghda s-soffri;*

2. *Tiddikjara illi l-fatti fuq esposti jammontaw ghal ksur tal-jeddijiet fundamentali taghha taht l-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll** tal-Konvenzjoni Ewropea;*

3. *Tiddikjara illi minhabba id-dewmien fuq imsemmi u l-fatti l-ohra fuq esposti hemm ksur tad-drittijiet fundamentali taghha taht **l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea** billi ma nghatawx smiegh xieraq fi zmien ragonveoli;*

4. *Tiddikjara illi kawza tal-ghagir tal-intimati jew min minnhom kif hawn fuq espost hemm ksur tad-dritt fondamentali taghha ai termini tal-**Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dan billi l-intimati jew min minnhom naqsu milli jaghtu rimedju effettiv*

5. *Taghti ghalhekk in vista tas-suespost, **kull rimedju opportun** u li jidrilha xieraq biex jigu spurgati u mnehhija l-vjolazzjonijiet imsemmija;*

6. *Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lir-rikorrenti kull **kumpens** li jista jigi likwidat fil-kuntest hawn fuq imsemmi;*

7. *Taghti kull rimedju, ordni, direttiva u kumpens iehor li jidrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni."*

Rat **ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Avukat tal-Istat tas-17 ta' Ġunju 2020**[1] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *"Illi qabel xejn, l-għaqda rikorrenti ma tfissirx fir-rikors kostituzzjonali tagħha għaliex hija ħasset il-bżonn li tħarrek lill-Onorevoli Prim Ministru. Ma jirriżultax mill-premessi u mit-talbiet tagħha, li l-għaqda rikorrenti qiegħda tilmenta minn xi għemil speċifiku tal-Prim Ministru. Minbarra dan, għall-għanijiet tal-**artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-Gvern ta' Malta jinsab ġa rappreżentat f'din il-kawża mill-Avukat tal-Istat. Jiġi b'hekk, li l-Onorevoli Prim Ministru jixraq li jiġi meħlus mill-ħarsien ta' dan il-ġudizzju;*

2. *Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-esponenti jwieġbu li din mhijiex daqstant meħtieġa peress li r-**regola 6 tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09)** tgħid li kawżi bħal din għandha titmexxa b'ħeffa u li s-smigħ tagħha għandu safejn hu possibli jsir fi ġranet konsekuttivi, u meta dan mhux possibli, f'dati viċini;*

3. *Illi fuq it-tieni talba, l-esponenti jwieġbu li huma ma kissrux il-jedd ta' proprjetà tal-għaqda rikorrenti, kif imħares bl-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**. Kemm l-Onorevoli Prim Ministru u kif ukoll l-Avukat tal-Istat jisħqu, li wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Ottubru 2015, fil-kawża fl-ismijiet, **Malta Playing Fields Association vs. Il-Kummissarju tal-Artijiet et**, huma la qatt ħadu għalihom u lanqas qatt ma ppruvaw ifixxklu l-jeddijiet ta' proprjetà li l-għaqda rikorrenti tgħid li għandha fl-inħawi tax-xatt f'Ta' Xbiex;*

4. *Illi b'riferenza għall-paragrafu 2 tar-rikors kostituzzjonali, jingħad li ladarba l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2015 ħassret l-ordni ta' esproprju, b'effett mid-data ta' dik is-sentenza, il-Gvern Malti tilef il-pussess fiżiku fuq dik l-art. Ma kienx hemm bżonn li t-tħassir tal-esproprju tiġi mħabbra fuq il-gazzetta tal-Gvern għaliex is-*

[1] Fol 26 et seq

*sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali hija pubblika u tiswa aktar minn avviż fil-Gazzetta tal-Gvern;*

5. *Illi jekk l-għaqda rikorrenti għadha sallum ma ħaditx il-pussess fiżiku tal-art inkwistjoni, dan żgur mhuwiex tort tal-esponenti għaliex il-Gvern ilu li rrinunzja għall-pussess fiżiku tal-art sa mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali;*

6. *Illi mill-banda l-oħra, jekk fil-preżent l-art inkwistjoni tinsab fil-pussess tar-Royal Malta Yacht Club, allura l-għaqda rikorrenti għandha tindirizza l-problema tagħha kontra dan il-klabb. Wara kollox huwa dan il-klabb u mhux il-Gvern li qiegħed jokkupa l-art inkwistjoni. Kemm hu hekk, jidher li hija ressqet żewġ kawżi ċivili kontra r-Royal Malta Yacht Club, waħda biex din din titlaq mill-post (**Rik. 241/2016JVC**) u oħra biex din tħallas kumpens għall-okkupazzjoni illegali (**Rik. 596/2017FDP**);*

7. *Illi billi għalhekk l-esponenti mhumiex qegħdin b'imġiebthom ifixxklu lill-għaqda rikorrenti milli tgawdi l-ġid tagħha, it-tieni talba imressqa minnha fuq l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** għandha tiġi miċħuda, għallinqas safejn tolqot lill-esponenti;*

8. *Illi safejn it-tielet talba tal-għaqda rikorrenti tinsab mibnija fuq ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**, din ukoll ma tidhirx li hija mistħoqqa. Ibda biex, l-esponenti qagħdu mas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Ottubru 2015 u ma baqgħux jinsistu fuq il-pussess fiżiku tal-art, hekk kif ġiet imħassra l-ordni ta' esproprju;*

9. *Illi fuq il-proċeduri ċivili bin-numru ta' riferenza **241/2016JVC** u **596/2017FDP** ma jidhirx li qed ikun hemm xi dewmien. Sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tqis b'mod serju t-talba tal-għaqda rikorrenti taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jrid jiġi ppruvat li mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien kien wieħed kappriċċjuż u maħsub biss biex jiżvantaġġaha fit-tgawdija tad-drittijiet tagħha skont il-liġi. Sewwasew fil-każ tallum l-atti proċesswali taż-żewġ kawżi jindikaw li l-proċeduri mexjin b'pass tajjeb, tant li waħda mill-kawża tinsab imħollija għat-trattazzjoni finali;*

10. *Illi r-raba' talba tal-għaqda rikorrenti li hija m'għandiex rimedju effettiv taħt il-liġi domestika bi ksur tal-***artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** *hija għalkollox barra minn lokha. Bħala stat ta' fatt hija kellha rimedju effettiv quddiem il-Qorti Kostituzzjonali għaliex it-talba tagħha għat-tħassir tal-ordni ta' esproprjiu tagħha ġiet milqugħa u eżegwita bis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2015;*

11. *Illi l-għaqda rikorrenti wkoll għandha rimedju nazzjonali effettiv biex tieħu l-pussess lura tal-art u li tiġi mħallsa għaż-żmien kollu li hija qed tgħid li ma setgħetx tgawdi l-imsemmija art, tant li hija stess qed teżerċita dawn ir-rimedji fil-proċeduri* **241/2016JVC** u **596/2017FDP***;*

12. *Illi fl-aħħarnett, l-esponenti jagħlqu billi jgħidu li ladarba l-għaqda rikorrenti ma ġarrbet l-ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali kif mitluba fl-ewwel erba' talbiet tagħha, allura lanqas ma jistgħu jiġu milqugħa l-ħames, is-sitt u s-seba' talba tagħha dwar ir-rimedji li qed tippretendi li tikseb;*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra t-talbiet kollha mressqa minn Malta Playing Fields Association għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha".*

Rat **ir-risposta tal-Awtorita' tal-Artijiet tat-22 ta' Ġunju 2020**[2] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *" Illi, in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ghandha, a tenur tal-Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tiddeklina mis-setghat taghha tenendo kont li hemm rimedji ordinarji disponibbli ghall-Assoccjazzjoni Rikorrenti.*

2. *Illi f'dan ir-rigward l-esponenti tirrileva illi r-Rikorrenti naqset milli tipprevalixxi ruhha mir-rimedji ordinarji kollha disponibbli ghaliha qabel ma ressqet dawn il-proceduri, tant illi fil-prezent jezistu zewg kawzi mressqa mill-istess Rikorrenti dwar l-istess lanjanzi u li ghadhom pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili.*

[2] Fol 31 et seq

3. *Illi l-ewwel kawza mressqa mir-Rikorrenti hija dik bin-numru **241/2016 JVC** fl-ismijiet Malta Playing Fields Association v Royal Malta Yacht Club et li ghadha pendenti fejn in sintezi, ir-Rikorrenti qieghda titlob l-izgumbrament tal-Intimat Royal Malta Yacht Club.*

4. *Illi l-kawza l-ohra mressqa mill-Assocjazzjoni Rikorrenti (li wkoll ghadha pendenti) hija dik bin-numru **596/2017 FDP** fl-ismijiet Malta Playing Fields Association v Royal Malta Yacht Club et fejn inter alia qieghda tintalab dikjarazzjoni li r-Royal Malta Yacht Club qed tokkupa l-art minghajr titolu validu fil-Ligi kif ukoll qieghda ssir talba ghal-hlas ta' danni allegatament sofferti.*

5. *Illi ghalhekk m'hemmx dubju illi l-ezitu ta' dawn iz-zewg kawzi ser jimpingu direttament fuq it-talbiet imressqa f'dawn il-proceduri u ghalhekk, stante li dawn il-proceduri huma prematuri, ikun opportun illi se mai din il-Qorti tistenna l-ezitu taz-zewg kawzi l-ohra sucitati.*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li llum –il gurnata l-esponenti m'ghandhiex il-pussess f'idejha tal-art in kwistjoni (liema art tinsab fil-pussess tal-Intimat Royal Malta Yacht Club), l-Assoccjazzjoni Rikorrenti għandha tindirizza l-lanjanzi tagħha fil-konfront tal-klabb Intimat.*

7. *Illi għalhekk, fil-konfront tal-esponenti, it-tieni talba mressqa u msejjsa fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u t-tielet talba mressqa fuq ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għandhom jiġi miċħuda;*

8. *Illi dwar il-proċeduri pendenti bin-numri **241/2016/JVC** u **596/2017/FDP** l-esponenti tikkontendi li ma kien hemm l-ebda dewmien li m'hux gustifikat u dan specjalment tenut kont tal-fatt illi hemm diversi Intimati li gew kjamati in kawza u li lkoll iridu jressqu l-provi taghhom.*

9. *Illi dwar ir-raba' talba tal-għaqda rikorrenti li hija m'għandiex rimedju effettiv skont il-liġi bi ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti twiegeb illi din m'ghandhiex mis-sewwa u dana stante li hekk kif premess mir-Rikorrenti stess, hija diga inghatat rimedju effettiv mill-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza datata 30/10/2015 fejn dik il-Qorti ordnat it-tħassir tal-ordni tal-esproprju;*

*10. Illi dwar il-ħames, is-sitt u s-seba' talba, l-Esponenti tirrileva li l-Assoccjazzjoni rikorrenti ma sofriet l-ebda ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali u ghalhekk dawn it-talbiet ghandhom ukoll jigu michuda;*

*11. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tar-Rikorrenti ghandhom jigu michuda a spejjez esklussivament taghha.*

*Daqstant l-Awtorita' Intimata ghandha l-unur li twiegeb lil din l-Onorabbli Qorti u thalli ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti."*

Rat **ir-risposta tar-Royal Malta Yacht Club ("RMYC") tat-23 ta' Ġunju 2020**[3] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

*1." Illi preliminarjament l-esponenti m'huwiex il-leġittimu kuntradittur fil-kawża odjern u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju gia la darba huwa in kwantu organizzazzjoni privata u kompletament indipendenti mill-Istat, ma jista qatt jinstab responsabbli għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali.*

*2. Illi l-esponenti in kwantu klabb privat m'għandux jinstab responsabbli għall-kull kumpens li jista jiġi ordnat u wisq anqas m'għandu iħallas l-ispejjeż tal-kawża.*

*3. Illi preliminarjament ukoll r-rikorrenti naqas milli jiprevalixxi ruhu mir-rimedji ordinarji li ttih il-liġi, senjatament billi huwa naqas milli jistenna l-ezita tal-kawża il-kawża 241/2016 JVC fl-ismijiet Malta Playing Fields Association vs Royal Malta Yacht Club li għandha tiddetermina min għandu ikollu l-pussess tal-fond in kwistjoni gia la darba hija kwistjoni purament civili, u ma fiha l-ebda indole kostituzzjonali.*

*4. Illi gia la darba l-eżitu tal-kawża 241/2016 JVC fl-ismijiet Malta Playing Fields Association vs Royal Malta Yacht Club ser ikollu impatt dirett fuq it-talbiet attriċi u fuq l-lanjanza allegata, din il-Qorti għandha tissoprasjedi sakemm tiġi determinata u deċiżi tali kawża.*

[3] Fol 35 et seq

5. *Illi r-rikorrenti jippretendu illi flok iħallu lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tagħmel xogħla u tiddetermina l-kwistjoni fil-kawża 241/2016 JVC fl-ismijiet Malta Playing Fields Association vs Royal Malta Yacht Club, wara li jinġiebu l-provi opportuni mill-partijiet u issiru s-sottomissjonijiet.*

6. *Illi b'dak li qegħdin jippretendu r-rikorrenti f'din il-kawża semmai iwassal għall-ksur tad-drittijiet fundamentali protetti bl-Artikolu 6 u l-Artikolu 1 Protocol 1 tal-Konvenzjoni u l-Artikoli 37 u 39 tal-Kostituzzjoni tal-esponenti gia la darba qegħdin jippretendu illi l-kawżi pendenti li huma kontestanti ma jiħdux il-kors naturali tagħhom u l-esponenti jiġu imċaħħdin milli iressqu l-provi tagħhom u jagħmlu l-argumenti legali tagħhom skond il-liġi.*

7. *Illi din il-kawża hija biss tentattiv sabiex ir-rikorrenti jippruvaw jakkwistaw drittijiet ċivili li jippretendu li għandhom f'sede kostituzzjonali, issa li wieħed jista faċilment jiddetermina illi t-talbiet magħmula mir-rikorrenti fil-kawża 241/2016 JVC fl-ismijiet Malta Playing Fields Association vs Royal Malta Yacht Club għandhom jiġu miċħuda għaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.*

8. *Illi in oltre l-esponenti qegħdin jokkupaw l-art mertu tal-kawża b'titolu ta' emfitewsi temporanja validu fil-liġi u dna ai termini tal-kuntratt tat-23 ta' Settemnru 2009 fl-Atti tan-Nutar Joe Cilia li kopja tiegħu qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata Dok A. Liema kuntratt qatt ma ġie rexiss jew b'xi mod jew ieħor annullat, la bi qbil u wisq anqas b'xi sentenza mogħtija minn qorti jew Tribunal kompetenti.*

9. *Illi t-talbiet attriċi huma infondanti fil-fatt u fid-dritt.*

10. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kas."*

Rat **ir-risposta ta' Sport Malta tal-4 t'Awwissu 2020**[4] permezz ta' liema tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet –

[4] Fol 57 et seq

1. *"Illi t-talbiet tar-rikorrent huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha ghas-segwenti ragunijiet:*

2. *Illi in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ghandha tonqos milli tezercita s-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea skond l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan billi r-rikorrent nagas milli jezawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli skont il-ligi kif evidenzjat mill-fatt li fil-prezent ghad hemm zewg kawzi pendenti li gew intavolati mir-rikorrent dwar l-istess lanzjanzi quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili;*

3. *Illi preliminarjament ukoll, in kwantu t-talbiet attrici huma diretti kontra l-intimat, l-esponenti ma hijiex l-legittima kontradittrici fil-kawza odjerna u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju minnufih billi din l-azzjoni kellha tingieb biss kontra l-awtoritajiet vestiti skond il-Kostituzzjoni u l-ligi li jiggarantixxu l-harsien tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, inter alia id-dritt tar-rimedju effettiv, ai termini tal-istess Kostituzzjoni u tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, fir-rigward tal-ewwel talba tar-rikorrent, jigi eccepit li hu risaput li kawzi ta' din il-fattispecje ghandhom dejem itmexxew bil-heffa skont id-dettami tar-regola 6 tal-Ligi Sussidjarja 12.09: "Meta kaz ikun tgieghed ghas-smigh il-qorti ghandha tizgura li, konsistentement ma' l-amministrazzjoni xierqa tal-gustizzja, is-smigh u d-disponiment tal-kar ikun b'heffa u s-smigh tal-kawza ghandu sa fejn hu possibbli jsir fi granet konsekuttivi, u, meta dan mhux possibbli, f'dati vicini" u ghalhekk din il-kawza hija superfluwa;*

5. *Illi minghair pregudizzju ghas-suespost u subordinament, fil-mertu, dwar it-tieni talba l-esponenti tecepixxi li ma hemm ebda ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u dan stante illi l-eccipjenti bl-ebda mod ma ostakolat kwalsiasi dritt vantat mir-rikorrenti abbazi ta' dawn l-artikoli;*

6. *Illi minghair pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, fil-mertu, dwar it-tielet talba, l-esponenti tecepixxi li ma hemm ebda ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u fi kwalunkwe kaz mhuwiex minnu in kien hemm dewmien fil-proceduri civili li b'xi mod setghu ikkagunaw lir-rikorrent lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu ghall-smiegh xieraq;*

7. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, dwar it-raba' u l-hames talbiet, jigi eccepit li ma hemm ebda ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan billi r-rikorrent gja' prevalixxa ruhu minn diversi rimedji effetivi quddiem din l-Onorabbli Qorti kif diversament ppresjeduta u whud minn dawn gja' gew decizi jew waslu fi tmiemhom;*

8. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, dejjem fir-rigward tar-raba' u l-hames talbiet, dak li qieghed jallega r-rikorrent cioe' li gie ostakolat milli jinghata rimedju effettiv, hu inveritjier ghall-ahhar u ghandu jigi michud stante illi r-rikorrent gie offert diversi rimedji biss b'mod intransigenti rrifuthom kollha;*

9. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, dwar is-sitt u s-seba' talba jigi eccepit li ghar-ragunijiet suesposti ma hemm ebda lok ghall-kundanna ta' hlas ta' xi danni, li fi kwalunkwe kaz gja' gew mitluba fil-kawza numru 596/2017FDP, u ghalhekk dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda fl-intjier taghhom;*

10. *Illi minghajr prejudizzju ghal dak kollu eccepit precedentement, it-talbiet mressqa mir-rikorrent huma irritwali, vessatorji u nulli privi minn kull fondament fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrent;*

11. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz".*

Rat il-provi tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-kawża odjerna l-assoċjazzjoni rikorrenti tilmenta li minkejja li ngħataw sentenzi tal-Qrati favur tagħha fir-rigward ta' art ossija kumpless ta' bini f'Ta' Xbiex, l-intimati jew minn minnhom għadhom m'ottemprawx ruħhom mal-ordnijiet tal-Qorti bil-konsegwenza li hija għadha qed issofri ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta *("il-Kostituzzjoni")* u bl-artikolu 6, 13 u bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali *("il-Konvenzjoni")* . Hija qed titlob għalhekk l-għoti tar-rimedji opportuni nkluż kumpens xieraq sabiex jagħmlu tajjeb għal tali vjolazzjoni.

Minn naħa tagħhom l-intimati, apparti eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, jirrespinġu l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

## A. PREMESSI

1. A skans ta' kull ekwivoku, l-Qorti tissottolinea li l-mertu tal-kawża odjerna huwa primarjament mibni fuq l-effetti legali tas-sentenzi msemmija fir-rikors promotur u fuq l-allegat komportament tal-intimati fir-rigward. Għalhekk mhuwhiex il-kompitu ta' din il-Qorti li terġa direttament jew indirettament teżamina jew tagħmel kunsiderazzjonijiet dwar provi jew argumenti tal-intimati li kienu diġa' tressqu quddiem il-Qrati fil-kors tal-proċeduri msemmija fl-istess promotur.

2. Jiġi sottolineat ukoll l-proċeduri odjerni huma ta' natura kostituzzjonali. Kwindi dawn huma regolati bil-proċedura ai termini tat-Taqsima I tal-L.S.12.09 (Il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati fi kwistjonijiet Kostituzzjonali). Ma hemmx għalhekk il-ħtieġa li l-Qorti tilqa' l-ewwel talba tal-assoċjazzjoni rikorrenti fejn qed titlob li din il-kawża tinstema b'urġenza u speditezza sabiex jingħata rimedju effetiv għal vjolazzjonijiet li l-assoċjazzjoni tallega li sofriet. Dan għaliex kif jipprovi r-regolament numru 6 stess tal-leġislazzjoni sussidjarja msemmija -

> *"Meta każ ikun tqiegħed għas-smigħ il-qorti għandha tiżgura li, konsistentement ma' l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja, is-smigħ u d-disponiment tal-każ ikun b'ħeffa u s-smigħ tal-kawża għandu sa fejn hu possibbli jsir fi ġranet konsekuttivi, u, meta dan mhux possibbli, f'dati viċini."*

**Għaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-assoċjazzjoni rikorrenti u għall-istess raġunijiet ser tastjeni wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u r-raba' eċċezzjoni tal-intimata Sport Malta.**

## B. PROVI

Sintetikament, mill-atti tal-kawża jirriżulta li –

1. Permezz ta' kuntratt datat 29 t'Awwissu 2002, il-Gvern tramite l-Kummissarju tal-Artijiet kien ikkonċeda lil MPFA art li kienet tinkludi l-kumpless ta' bini f'Ta' Xbiex li kienet tikkonsisti f'Lido fi Triq ix-Xatt Ta' Xbiex bil-kejl ta' circa 672m.k. b'titolu ta' emfitewsi temporanea għal żmien ta' 49 sena taħt diversi termini u kundizzjonijiet;

2. Klawsola 6 tal-kuntratt imsemmi tgħid hekk –

*"Kemm-il darba il-Gvern jezercita d-dritt tal-espropriazzjoni skond ligijiet vigenti huwa jkun obbligat li jhallas kumpens ghall-ispejjez li jkunu saru fuq l art esproprjata."*

3. Klawsola 12 tal-istess kuntratt tgħid hekk –

*"L-uzu tal-facilitajiet sportivi ghandu jkun esklussivament ghall-isport li jista' jinkludi ufficini ghall-amministrazzjoni sportiva, "gymnasiums", `sport clinics`, u facilitajiet ohra ghal min juza jew jiffrekwenta din il-proprjeta, izda mhux tali li jibdel in-natura principali tal-kumpless sportiv."*

4. Fit-23 ta` Frar 2003 l-Assocjazzjoni rikorrenti applikat għal permess ta` żvilupp fuq il-proprjeta' msemmija mal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, liema applikazzjoni ġiet milqugħa fit-13 ta` Frar 2006;

5. Fil-5 ta` Lulju 2006 il-MPFA akkwistat ukoll mingħand l-Awtorita` ta` Malta dwar it-Turiżmu l-liċenzja biex topera ristorant mill-imsemmi sit;

6. Sadanittant, fis-27 ta` Ġunju 2008, ħarġet Dikjarazzjoni tal-President ta` Malta bir-riferenza numru L 778/1962 bis-saħħa ta' liema kienet esproprjata l-art li kienet inghatat b`ċens lill-assoċjazzjoni rikorrenti. Tali espropriazzjoni kienet mitluba mill-Kunsill Malti għall-Isport (illum Sport Malta);

7. Fit-23 ta` Settembru 2009 il-Kumissjarju tal-Artijiet u l-Kunsill Malta għall-Isport kkonċedew lill-RMYC b`titolu ta` enfitewsi temporanja ghal 49 sena, biċċa art tal-kejl ta` 2205 m.k. li parti minnha kienet l-art moghtija b`ċens lill-assoċjazzjoni rikorrenti;

8. Sadanittant, fit-18 ta` Frar 2009 l-assoċjazzjoni rikorrenti ntavolat il-proċeduri Rik Nru 8/09 fl-ismijiet *Malta Playing Fields Association vs Il-Kummissarju tal-Art, l-Onorevoli Prim' Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Kunsill Malti ghall-Isport, u b`digriet tas-16 ta` Frar 2010 giet imsejħa fil-kawża r-Royal Malta Yacht Club;*

9. F'dawk il-proċeduri Rik 8/09 tressqu s-segwenti talbiet biex il-Qorti -

> *"i. Tiddikjara li l-esproprjazzjoni tal-utile dominju temporanju tal-kumpless ta` bini f`Ta` Xbiex konsistenti f`Lido fi Triq ix-Xatt ta` Xbiex tal-kejl ta` cirka sitt mija u tnejn u sebghin metru kwadru (672m.k.) konfinanti mit-Tramuntana mal-istess Triq, mil-Lbic ma` beni tal-Gvern ta` Malta u mix-Xlokk ma` Xatt il-Bahar jew irjieh verjuri, ossija l-ordni ta` esproprazzjoni numru L 778/1962 tat-2 ta` Lulju 2008, saret kontra l-ligi u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti permezz tal-Artikolu 37 tal-*

*Kostituzzjoni ta` Malta u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ;*

*ii. Tiddikjara l-imsemmija ordni ta` esproprazzjoni nulla u minghajr ebda effett fil-ligi u konsegwentement tordna t-thassir tal-istess, salv kull rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportune ;*

*iii. Fin-nuqqas, tiddikjara li l-kumpens offrut ghall-imsemmija esproprjazzjoni m`huwiex kumpens xieraq kif trid il-ligi, u konsegwentement tillikwida l-kumpens li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u tikkundanna lill-intimati jhallsu l-istess, u dan salv kull rimedju iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."*

10. B'sentenza tal-15 ta' Lulju 2014 din il-Qorti diversament preseduta ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel żewġ talbiet tal-assoċjazzjoni rikorrenti, astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba filwaqt li pprovdiet dwar l-eċċezzjonijiet tal-intimati skont kif indikat fl-istess sentenza;

11. Minn dik is-sentenza ġew intavolati tlett appelli u ċioe' mill-RMYC, mill-Kummissarju tal-Art u ieħor mill-Kunsill Malti għall-Isport. B'sentenza tat-30 t'Ottubru 2015 il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appelli mressqa u kkonfermat is-sentenza appellata;

12. L-Assoċjazzjoni rikorrenti tilmenta li minkejja li minn dik is-sentenza għaddew snin sħaħ hija baqgħet ma ngħatatx lura pussess tal-art in kwistjoni u għalhekk intavolat proċeduri ġodda Rik Nru 241/16 fl-ismijiet *Malta Association vs Playing Fields Royal Malta Yacht Club u b'digriet tat-2 ta' Gunju 2016 ġew*

*kjamati in kawża l Awtorita' tal-Artijiet (gia Kummissarju tal-Artijiet) u Sport Malta (gia l-Kunsill Malti ghall-Isport);*

13. Fil-proċeduri appena msemmija l-Qorti ġiet mitluba sabiex -

> *"i) Tiddikjara li l-assocjazzjoni intimata Royal Malta Yacht Club ma ghandha l-ebda jedd tokkupa l-fond f'Ta Xbiex konsistenti f'Lido fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex tal-kejl ta' circa sitt mija u tnejn u sebghin metru kwadru (672m.k) konfinanti mit-Tramuntana mal-istess Triq, mil-Lbic ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mix-Xlokk ma' Xatt il-Bahar jew irjieh verjuri, u/jew qed tokkupa l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi (it-tieni talba);*
>
> *ii) Tikkundanna lill-assocjazzjoni intimata Royal Malta Yacht Club sabiex tizgombra mill-fond f'Ta Xbiex konsistenti 3 f'Lido fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex tal-kejl ta circa sitt mija u tnejn u sebghin metru kwadru (672m.k) konfinanti mit Tramuntana mal-istess Triq, mil-Lbic ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mix-Xlokk ma' Xatt il-Bahar jew irijieh verjuri fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din l-Onorabbli Qorti (it-tielet talba);*
>
> *B'riserva ghal kull talba eventwali u proceduri ulterjuri ghad-danni u kumpens ghall-okkupazzjoni sad-data li l fond jinghata lura lil rikorrenti."*

14. Għalkemm fil-mument li ġiet intavolata l-kawża odjerna, dawk il-proċeduri kienu għadhom pendenti, fil-frattemp dawn ġew deċiżi. Permess ta' sentenza datata 15 ta' Settembru 2020, din il-Qorti diversament preseduta ddeċidiet il-kawża billi -

> *"Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-intimata Royal Malta Yacht Club ma ghandha l-ebda jedd tokkupa l-fond f'Ta Xbiex konsistenti f'Lido fi Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex tal-kejl ta' circa sitt mija u tnejn u sebghin metru kwadru (672m.k) (pjanta a fol. 10 tal-process) konfinanti mit-Tramuntana ma' l-istess triq, mil-Lbic ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mix-Xlokk ma' Xatt il-Bahar jew irjieh verjuri u qed tokkupa l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi;*

*Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-intimata Royal Malta Yacht Club sabiex tizgombra mill-fond f'Ta Xbiex konsistenti f'Lido fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex tal-kejl ta' circa sitt mija u tnejn u sebghin metru kwadru (672m.k) konfinanti mit-Tramuntana ma' l-istess triq, mil-Lbic ma' beni tal-Gvern ta' Malta u mix-Xlokk ma' Xatt il-Bahar jew irijieh verjuri fi zmien massimu ta' xahrejn minn meta din id-decizjoni ssir res judicata liema proprjeta' tidher delinjata fil-pjanta esebita a fol. 10 tal process;*

*Il-Qorti qed tirriserva d-dritt tal-Assocjazzjoni attrici ghal kull talba eventwali u proceduri ulterjuri ghad-danni u kumpens ghall-okkupazzjoni sad-data li l-fond jinghata lura lir-rikorrenti."*

15. Minn dik is-sentenza appellaw ir-RMYC, l-Awtorita' tal-Artijiet u Sport Malta. B'sentenza tat-13 t'Ottubru 2022 il-Qorti Kostituzzjonali ċaħdet l-appelli tal-intimati u kkonfermat is-sentenza appellata b'dana li t-terminu ta' xahrejn għall-iżgumbrament tar-RMYC kellu jibda jiddekorri minn dakinhar tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Ukoll, peress li l-Qorti qieset li t-tlett appelli kienu fiergħa u maħsuba biex itawlu ż-żmien, l-intimati appellanti ġew kundannati jħallsu d-*doppie spese*;

16. Inoltre fit-30 ta' Ġunju 2017 l-assoċjazzjoni rikorrenti fetħet kawża Rik Nru 596/17 fl-ismijiet *Malta Playing Fields Association vs Royal Malta Yacht Club* permezz ta' liema MPFA qed titlob lill-Qorti –

*i) tiddikjara li RMYC m'għandhiex jedd tokkupa l-proprjeta' mertu tal-kawża u qed tokkupa mingħajr titolu validu fil-liġi;*

*ii) tillikwida u tordna l-ħlas ta' kumpens għall-użu tal-fond u għad-danni kaġunati.*

Din il-kawża għadha pendenti u tinsab differita għall-14 ta' Novembru 2024 għall-kontinwazzjoni tal-provi ta' RMYC;

17. Fid-19 ta' Jannar 2023 MPFA ħarġet mandat ta' żgumbrament Nru 96/2023 fil-konfront ta' RMYC liema mandat ġie esegwit nhar is-26 ta' Jannar 2023 b'dana li l-istess RMYC żgumbra mill-proprjeta' in kwistjoni u għadda lill-Istat iċ-ċwievet tal-immobbli hemm kostruwiti.

## Ċ. <u>EĊĊEZZJONIJIET PRELIMINARI</u>

**1. Fl-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-Onorevoli Prim Ministru** jingħad li la ma hemm ebda lment speċifiku fil-konfront tal-intimat Prim Ministru u ladarba l-Istat huwa adegwatament rappreżentat mill-intimat Avukat tal-Istat ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta allura huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

**L-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, fis-subartikoli (1) u (2) tiegħu jipprovdi hekk -

> *"181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Minn naħa tagħha **fl-ewwel eċċezzjoni tal-intimata RMYC** hija wkoll targumenta li mhijiex leġittimu kontradittur in kwantu hija organizzazzjoni privata u ndipendenti mill-Istat.

Anke **l-intimata Sport Malta teċċepixxi fit-tielet eċċezzjoni** li hija mhijiex leġittimu kontradittur u l-azzjoni kien imissha tressqet kontra l-awtoritajiet vestiti skont il-Kostituzzjoni.

Fil-ġurisprudenza in materja fosthom fil-każ **Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et deċiż fil-15 ta' Diċembru 2017**[5] ingħad hekk **-**

*"Kif qalet riċentement din il-Qorti stess fil-każ* ***Joseph Grech et vs Nikka Developments Company Limited et*** *deċiż fit-3 ta' Novembru 2017 -*

[5] Rik Kost 14/15

*Dwar l-argument tas-soċjeta' li hija mhijiex legittimu kontradittur, kif qalet din il-Qorti fil-każ* ***Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et deciz fit-28 ta' Settembru 2016***[6] *-*

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawża bħala leġittimu kontradittur jirriżultaw ben ċari mill-ġurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deċiża fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-każ fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[7] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-liġi, il-kostituzzjoni in ġudizzju ta' parti mħarrka tinsel minn qagħda ta' rapport ġuridiku preċedenti,sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodiċi Ċivili. Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża."*

*Illi inoltre l-ġurisprudenza tkompli hekk:*

*"Għal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv għal dak prospettat mill-attur bit-talba tiegħu. Dan għaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bażi tad-domanda proposta."* ***(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)***[8]***.***

*Inoltre fil-każ* ***Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et deciz fit-3 ta' Ottubru 2008***[9] *ingħad li -*

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza*

[6] Rik Gur 700/14

[7] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)

[8] (Nru 777/06) Deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

[9] Cit Nru 1236/07

> *għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Applikati dawn il-prinċipji għall-eċċezzjoni tal-intimat Onorevoli Prim Ministru jirriżulta li din hija ġustifikata.

Fl-ebda parti tar-rikors promotur ma saret xi allegazzjoni jew tressqet xi talba mill-assoċjazzjoni rikorrenti fil-konfront tal-Prim Ministru. Inoltre, għalkemm dan l-intimat kien oriġinarjament tħarrek f'waħda mill-proċeduri mertu tal-kawża odjerna, ċioe' dawk Rik Nru 8/2009, din il-Qorti diversament preseduta kienet illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, u tali parti tas-sentenza ma ġietx appellata. Huma l-intimati l-oħra, li kienu parti fil-proċeduri li dwarhom tressqu l-ilmenti kostituzzjonali mertu tal-proċeduri odjerni li għandhom iwieġbu għat-talbiet in kwistjoni.

**Din l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Onorevoli Prim Ministru sejra għalhekk tintlaqa' u għalhekk huwa ser jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.**

Mhux l-istess jista' jingħad għall-eċċezzjonijiet ta' RMYC u ta' Sport Malta. Il-fatt li huma indipendenti mill-Istat xorta huwa meqjus li għandhom rabta ġuridika mal-assoċjazzjoni rikorrenti stante li huma jinsabu parti mill-proċeduri tal-Qorti li b'riżultat tagħhom hija qed tilmenta dwar l-aġir  tal-intimati jew min minnhom.

**L-eċċezzjonijiet ta' RMYC u Sport Malta marbuta mal-leġittimu kontradittur sejrin jiġu respinti.**

**2. Fl-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-intimata Awtorita' tal-Artijiet** ġew sollevati l-argumenti li l-assoċjazzjoni rikorrenti naqset milli teżawrixxi r-rimedji ordinarji disponibbli għaliha meta l-proċeduri ordinarji li ntavolat Rik Nru 241/16 u Rik Nru 596/17 u li għandhom impatt dirett fuq il-proċeduri odjerni għadhom mhux kollha ġew konklużi. Kwindi fil-fehma tal-Awtorita' din il-Qorti għandha f'dan l-istadju tiddeklina milli teżerċita l-poteri kostituzzjonali tagħha.

Fuq l-istess binarji huma mibnija **l-eċċezzjonijiet numri tlieta, erbgħa u ħamsa ta' RMYC** u **t-tieni eċċezzjoni ta' Sport Malta** fejn permezz tagħhom isostnu wkoll li l-Qorti għandha se mai tissoprassjedi sakemm jintemmu l-proċeduri ordinarji.

**L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li –

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun*

*sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

**L-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li -

*"Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1), u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

*Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et deċiża fid-29 t'April 2013**[10] u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 -

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-*

[10] Rik Nru 68/11

*eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et deċiż fis-27 ta' Frar 2006**[11] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

"*Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli.*"[12]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[13]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha."*[14]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[15]

---

[11] Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[12] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deciza 7 ta' Marzu 1994
[13] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deciza 6 t'April 1995.
[14] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deciza 14 ta' Frar 2002
[15] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et"** – Qorti Kostituzzjonali deciza 31 ta' Mejju 2000

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhiex a dispożizzjoni tagħha rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnha.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li - fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel HI jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjeta' tal-Għadu et deċiż fil-25 ta' Mejju 2016**[16]:

> "*….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;*"

Fl-isfond ta' din il-ġurisprudenza, l-Qorti tqis li dawn l-eċċezzjonijiet huma infondati.

Fl-ewwel lok u kif ingħad fis-suespost, il-proċeduri Rik Nru 241/16 li aċċennat għalihom l-Awtorita' ntimata huma llum *res judicata* ormai.

[16] Rik 40/10

Fi kwalunkwe każ l-ilment tal-assoċjazzjoni rikorrenti jiċċentra madwar il-fatt li allegatament, minkejja li l-Qrati diġa' ppronunzjaw ruħhom a favur tagħha aktar minn darba fir-rigward tal-proprjeta' in kwistjoni, l-intimati jew min minnhom naqsu milli jimxu ma' dak ordnat bil-Qorti b'dana li allura hija kienet kostretta tiftaħ proċeduri ulterjuri biex tottjeni lura dak li ġie deċiż mill-istess Qorti. L-assoċjazzjoni ssostni għalhekk li dawn in-nuqqasijiet huma minnhom infushom leżivi tad-drittijiet fundamentali tagħha mhux biss safejn jirrigwarda d-dritt għat-tgawdija tal-proprjeta' imma wkoll id-dritt tagħha li tingħata smiegħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli.

Dwar dawn l-ilmenti ebda Qorti jew forum ta' kompetenza ordinarja m'għandu l-kompetenza li jwettaq tali ndaġni jekk mhux il-Qrati Ċivili fil-vesti kostituzzjonali tagħhom.

Kwindi l-argumenti tal-Awtorita intimata u ta' RMYC ma jreġux fiċ-ċirkustanzi.

**L-ewwel ħames eċċezzjonijiet tal-intimata Awtorita' tal-Artijiet u l-eċċezzjonijiet enumerati minn tlieta sa ħamsa ta' RMYC ser jiġu għalhekk miċħuda.**

**D. <u>MERTU</u>**

**Fit-tieni talba tal-assoċjazzjoni rikorrenti** hija tilmenta li qed issofri ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni.

L-assoċjazzjoni rikorrenti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Rik Nru 8/09 li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti li ddikjarat li l-esproprjazzjoni tal-utile dominju temporanju tal-proprjeta' in kwistjoni saret kontra l-liġi u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni. Tali sentenza ddikjarat ukoll li l-imsemmija ordni ta' esproprjazzjoni nulla u mingħajr effett fil-liġi u ordnat it-tħassir tal-istess.

L-ilment tagħha huwa li minkejja tali sentenza, mhux biss ma ġietx ippubblikata dikjarazzjoni minn naħa tal-Gvern li tikkonferma li l-esproprju in kwistjoni ġie mħassar iżda minkejja t-trapass ta' snin sħaħ hija baqgħet ma ngħatatx lura l-pussess tal-proprjeta' in kwistjoni. Anzi, hija sabet ruħha kostretta li tintavola proċeduri oħra Rik Nru 241/16 sabiex titlob li tiġi reintegrata fil-pussess tal-proprjeta' mogħtija lilha b'titolu ta' enfitewsi temporanja fl-2002. Minkejja li dawn il-proċeduri llum il-ġurnata ġew deċiżi definittivament mill-Qrati a favur tagħha, hija xorta għadha sal-lum mingħajr il-pussess effettiv tal-proprjeta'. L-

assoċjazzjoni rikorrenti spiċċat ukoll fetħet proċeduri Rik Nru 596/17 biex titlob mingħand RMYC kumpens għall-użu u l-okkupazzjoni tal-fond in kwistjoni.

Dan kollu fil-fehma tal-assoċjazzjoni rikorrenti huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni għax għadha qed tiġi mċaħħda mill-pussess u t-tgawdija tal-proprjeta' mertu tal-kawża.

L-Avukat tal-Istat jirribatti li wara l-għoti tas-sentenza Rik Nru 8/09 tat-30 t'Ottubru 2015 l-Istat la ħa għalih u lanqas ipprova jfixkel il-jeddijiet ta' proprjeta' li għandha l-assoċjazzjoni fuq is-sit in kwistjoni. Inoltre, ladarba l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2015 ħassret l-ordni ta' espropriju, b'effett mid-data ta' dik is-sentenza, il-Gvern Malti tilef il-pussess fiżiku fuq dik l-art. Ma kienx hemm bżonn li t-tħassir tal-espropriju tiġi mħabbra fuq il-gażżetta tal-Gvern. U jekk l-assoċjazzjoni rikorrenti għadha ma ħaditx il-pussess fiżiku tal-art in kwistjoni, dan mhuwiex tort tal-Gvern li rrinunzja għall-pussess fiżiku tal-art sa mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.

L-Awtorita' tal-Artijiet ukoll targumenta li llum-il ġurnata m'għandhiex il-pussess f'idejha tal-art in kwistjoni stante li din tinsab fil-pussess ta' RMYC u għalhekk kwalunkwe lment tal-assoċjazzjoni rikorrenti għandu jiġi ndirizzat lejha.

Minn naħa ta' RMYC ġie argumentat li l-pretensjonijiet tar-rikorrenti li sofriet ksur ta' drittijiet fundamentali se mai jikkawża l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-istess RMYC għax MPFA ma tistax tippretendi li l-kawżi fil-Qrati ma jieħdux il-kors naturali tagħhom. Fi kwalunkwe każ RMYC issostni li hi qed tokkupa l-art mertu tal-kawża b'titolu ta' emfitewsi temporanja validu fil-liġi ai termini tal-kuntratt tat-23 ta' Settemnru 2009.

Sport Malta targumenta li minn naħa tagħha qatt m'ostakolat xi drittijiet vantati mill-assoċjazzjoni rikorrenti a bażi ta' dawn l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

**L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** jgħid hekk -

*"(1) Ebda proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b`mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta` kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b`mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta` liġi applikabbli għal dak itteħid ta` pussess jew akkwist –*

*(a) għall-ħlas ta` kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak ilkumpens dritt ta` aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u lammont ta` kull kumpens li għalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta` dak il-kumpens; u*

*(c) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta` appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f`Malta:*

*Iżda f`każijiet speċjali l-*Parlament *jista`, jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b`liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda*
*l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi*
*akkwistata b`mod obbligatorju; u f`kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.*

*(2) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għat-teħid ta` pussess jew akkwist ta` proprjetà –*

*(a) bi ħlas ta` xi taxxa, rata jew drittijiet;*

*(b) bħala penali għal, jew bħala konsegwenza ta`, ksur tal-liġi, sew jekk bi proċeduri ċivili jew wara dikjarazzjoni ta` ħtija ta` reat kriminali;*

*(c) wara l-attentat ta` tneħħija tal-proprjetà barra minn jew ġewwa Malta bi ksur ta` xi liġi;*

*(d) bħala teħid ta` kampjun għall-finijiet ta` xi liġi;*

*(e) meta l-proprjetà tikkonsisti f`annimal meta jiġi misjub f`art ħaddieħor jew mitluf;*

*(f) bħala inċidentali għal kirja, liċenza, privileġġ jew ipoteka, mortgage, dritt, bill of sale, pleġġ jew kuntratt ieħor;*

*(g) bħala l-għoti jew l-amministrazzjoni ta` proprjetà għan-nom u għab-benefiċċju tal-persuna ntitolata għall-interess benefiċjarju fiha, proprjetà fi trust, proprjetà tal-għadu jew il-proprjetà ta` persuni dikjarati falluti b`sentenza jew xort`oħra dikjarati falluti jew insolventi, persuni ta` moħħ marid, persuni mejta, jew għaqdiet korporati jew mhux korporati fil-kors ta` stralċ jew likwidazzjoni;*

*(h) fl-esekuzzjoni ta` sentenzi jew ordnijiet ta` qrati;*

*(i) minħabba li tkun fi stat perikoluż jew ta` ħsara għas-saħħa tan-nies, annimali jew pjanti;*

*(j) bħala konsegwenza ta` xi liġi dwar ilpreskrizzjoni ta` azzjonijiet, preskrizzjoni akkwiżittiva, art abbandunata, teżor misjub, manumorta jew iddrittijiet ta` suċċessjoni kompetenti lill-Gvern ta` Malta; jew*

*(k) għal dak iż-żmien biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta` xi eżami, investigazzjoni, kawża jew inkjesta jew, fil-każ ta` art, l-egħmil fuqha –*

*(i) ta` xogħol ta` konservazzjoni ta` ħamrija jew ilkonservazzjoni ta` risorsi naturali oħra ta` kull xorta jew ta` rikostruzzjoni ta` ħsara tal-gwerra; jew*

*(ii) ta` żvilupp jew titjib agrikolu li s-sid jew okkupant tal-art ikun ġie mitlub, u jkun mingħajr skuża raġonevoli u legali rrofta jew naqas li jagħmel.*

*(3) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi safejn tipprovdi għall-għoti lill-Gvern tal-proprjetà ta` xi minerali, ilma jew antikitajiet ta` taħt l-art.*

*(4) Ebda ħaġa f`dan l-artikolu ma għandha tiftiehem li tolqot l-egħmil jew ħdim ta` xi liġi għat-teħid ta` pussess obbligatorju fl-interess pubbliku ta` xi proprjetà, jew l-akkwist obbligatorju fl-interess pubbliku u ta` xi interess fi jew dritt fuq proprjetà, meta dik il-proprjetà, interess jew dritt huwa miżmum minn għaqda korporata li hija mwaqqfa għal skopijiet pubbliċi minn xi liġi u li fiha ebda flejjes ma ġew investiti barra minn flejjes provduti minn xi leġislatura f`Malta."*

Ingħad hekk fil-każ **Joseph Schembri et vs Avukat tal-Istat et deċiż fil-15 ta' Lulju 2024** -

*"17. Illi din id-dispożizzjoni għalhekk testendi t-tutela tagħha fir-rigward ta' kwalsiasi teħid ta' pussess jew ksib ta' interess jew dritt fi jew fuq proprjetà b'mod obbligatorju. It-tifsira klassika tad-dritt ta' proprjetà hija riflessa fl-artikolu 320 tal-Kodiċi Ċivili. Fil fehma ta' din il-qorti, l-interpretazzjoni korretta tal-artikolu 37 senjatament fid-dawl tat-tifsira ta' "proprjetà" skont il-liġi ċivili tagħna għandha twassal għall-konklużjoni li d-dritt ta' proprjetà, u kull dritt u interess fi jew fuq proprjetà, jinkludu neċessarjament l-użu u t-tgawdija tal-ħaġa. Meta allura l-Istat b'xi mod ikun effettivament u sostantivament qiegħed jieħu mingħand is-sid id-dritt li juża mill-proprjetà tiegħu kif jixtieq u kif irid, ikun ifisser li seħħ teħid tal-pussess fuq dik il-proprjetà, kif ukoll ksib ta' interess jew dritt fi u fuq dik l-istess proprjetà, u dan b'mod obbligatorju."*

**L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"Kull persuna naturali jew persuna morali għandha d-dritt għat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tagħha.*

> *Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku ġu bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*
>
> *Iżda d-disposizzjonijiet ta` qabel ma għandhom b`ebda mod inaqqsu d-dritt ta` Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex* ***jikkontrolla l-użu tal-proprjeta`*** *skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta` taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.".*

Kif ingħad fil-każ **Anthony Zammit et vs L-Avukat Ġenerali et deċiż fit-30 ta' Settembru 2021 -**

> *"Dan l-Artikolu huwa artikolat fuq tlett principji:*
>
> *i) Kull persuna, sew dik naturali kif ukoll dik morali, ghandha dritt ghat tgawdija tal-proprjeta b'mod pacifiku;*
>
> *ii) Tnaqqis fit-tgawdija tal-proprjeta jista` jkun biss gustifikat jekk jintwera li jkun sar fl-interess pubbliku. Dan mhuwiex dritt assolut u huwa soggett ghal kondizzjonijiet mahsuba fil-ligi u ghall-principji ta' dritt internazzjonali. Min ikun imcahhad huwa ntitolat ghal kumpens xieraq;*
>
> *iii) L-Istat ghandu d-dritt li jghaddi ligijiet sabiex b'mod xieraq jikkontrolla l uzu tal-gid fil-interess pubbliku."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali ser isiru s-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Din il-Qorti hija sbalordita kif minn sentenza ċara daqs il-kristall fil-proċeduri Rik Nru 8/09 li ilha *res judicata* sa mit-30 t'Ottubru 2015, u ċioe' kważi disa' snin, l-assoċjazzjoni rikorrenti kienet kostretta li tibqa' tieħu proċedura wara l-oħra fil-Qrati sabiex tiġi reintegrata fil-pussess tal-proprjeta' mertu tal-kawża li

ilha li ttieħdet mingħandha mill-Istat tramite l-Kummissarju tal-Artijiet fuq talba tal-Kunsill Malti għall-Isport sabiex ingħatat lil RMYC sa mill-2008/2009;

2. M'hemmx dubju li l-kawża odjerna, flimkien ma' proċeduri oħrajn imsemmija fil-kawża kellhom jiġu ntavolati proprju għax dak li kkonfermat u ordnat il-Qorti Kostituzzjonali dakinhar baqa' ma giex osservat mill-intimati li lkoll kienu parti minn dik il-kawża;

3. Id-difiża mressqa mill-intimati turi biss li kull wieħed minnhom qed jipprova jfarfar idejh mir-responsabilta' tal-konsegwenzi tas-sentenza tal-2015. Kull wieħed mill-intimati kellu rwol fil-viċenda – il-Kummissarju tal-Artijiet li għan-nom tal-Gvern ħareġ l-Ordni ta' Esproprjazzjoni li wara ġiet dikjarata nulla mill-Qorti, il-Kunsill Malti għall-Isport li għamel it-talba għal tali esproprjazzjoni, ir-RMYC li bbenefikat mill-Ordni ta' Esproprjazzjoni u l-Avukat tal-Istat li in rappreżentanza tal-Istat kellu jwettaq id-deċiżjoni tal-Qorti;

4. Jiġi sottolineat li ladarba l-Ordni ta' Esproprjazzjoni ġiet dikjarata nulla u bla effett mill-liġi, kollox kellu jerġa' lura *status quo ante* u ċioe għall-istat fejn il-proprjeta' terġa' lura għand l-assoċjazzjoni rikorrenti bit-titolu ta' konċessjoni enfitewtika temporanja bit-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tad-29 t'Awwissu 2002. Loġikament għalhekk kellu jingħata lura l-pussess fiżiku u effettiv tal-proprjeta' lill-MPFA għax kull att li sar wara mill-intimati b'riżultat

tal-Ordni ta' Esproprjazzjoni, ladarba din ġiet annullata, ma kellux jostakola lill-MPFA milli tibbenefika mill-effetti tas-sentenza tat-30 t'Ottubru 2015;

5. Tajjeb li f'dan l-istadju issir referenza għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-30 t'Ottubru 2015 -

> *"31. Rigward ir-rimedju, il-Qorti tirribadixxi li – "Dwar just satisfaction, ir-regola hi li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-Istat ghandu jipprovdi restitutio in integrum. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibbli l-Qorti ghandha taghti just satisfaction. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun rizervata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar." [Q.Kos.55/2009 Victor Gatt v. Avukat Generali et, deciza 5 ta' Lulju 2001].*
>
> *32. Fil-kaz in kwistjoni jirrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Klabb intimat li fuq l-art de quo hemm "erbat ikmamar, tnejn huma garages, wiehed ufficcju u classroom". Dan ix-xhud qal ukoll li fil-post hemm kostruwiti slipways.*
>
> *33. Fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti m'ghandux jitqies bhala wiehed idoneju. Ma jirrizultax li l-bini ezistenti huwa ta' xi entita` kbira jew li huwa okkupat minn diversi nies, bhal fil-kaz ta' appartamenti, li ser jigu effettwati negattivament jekk jinghata r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti. Il-kwistjoni hija limitata ghar-relazzjoni bejn l-Assocjazzjoni, il-Gvern u l-Klabb li l-ghan taghhom dejjem kien l-istess , u cioe` li fuq l-art de quo tinbena skola tal-ibburdjar u catering facilities li fil-fatt inbnew. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li r-rimedju ghandu jkun l annullament tal-ordni ta' esproprijazzjoni stante li kienet vjolattiva tad drittijiet fundamentali tal-Assocjazzjoni kif protetti bl-Artikolu 37 tal Kostituzzjoni, l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni."*

6. Kwindi l-Qorti Kostituzzjonali stess ikkonstatat li r-rimedju tal-annullar tal-Ordni ta' Esproprjazzjoni, naturalment bil-konsegwenzi kollha tiegħu, kien

wieħed fattibbli. Invece, dak li fil-fatt ġara minn naħa tal-intimati kien proprju bil-kontra. Rinfaċċjati bid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-2015 minflok ma ħadu dawk il-passi kollha meħtieġa minn naħa tagħhom sabiex jaraw li l-MPFA terġa' titpoġġa fil-pussess effettiv tal-proprjeta' daqs li kieku l-Ordni tal-Esproprjazzjoni ma kinitx ħarġet spiċċaw biex ma għamlu assolutament xejn bħal li kieku dik is-sentenza ma ngħatatx;

7. Hija ironika kif l-intimati jargumentaw li huma "ma ostakolawx" it-tgawdija tal-proprjeta' in kwistjoni lil MPFA meta mill-provi jirriżulta proprju li kienet il-passivita', l-inattivita' u l-inerzja tagħhom li ostakolat id-dritt fundamentali tal-assoċjazzjoni rikorrenti li tgawdi l-proprjeta' mertu tal-kawża. Kien għalhekk li l-assoċjazzjoni rikorrenti ma kellhiex alternattiva oħra ħlief li, kważi sena wara l-għoti tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-2015, terġa tiftaħ proċeduri ġodda Rik Nru 241/16 sabiex titlob ir-reintegrazzjoni fil-pussess tal-proprjeta'. Dik il-Qorti fis-sena tal-15 ta' Settembru 2020 kienet iddeċidiet abjad fuq l-iswed li RMYC ma kellhiex dritt tokkupa l-fond in kwistjoni u li kienet qed tagħmel dan mingħajr titolu validu fil-liġi u per konsegwenza ordnat l-iżgumbrament ta' RMYC. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dik il-Qorti, b'referenza għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-30 t'Ottubru 2015 qalet li –

> *".........t-talba sabiex l-ordni ta' esproprijazzjoni tigi dikjarata nulla giet effettivament milqugha b'dana li l-ordni ta' esproprijazzjoni datata 27 ta' Gunju, 2008 giet dikjarata daqs li kieku qatt ma saret. Dan allura legalment ma jista' jfisser xejn aktar ghajr illi l-kuntratt ta' emfitewsi temporanja bejn*

*l-Assocjazzjoni rikorrenti odjerna u l-Gvern ta' Malta datat 29 ta' Awissu, 2002 (fol. 4) ghadu vigenti sallum il-gurnata. Fl-istess decizjoni kif gia kkwotat gie wkoll deciz li rizultat tal-koncessjomi enfitewtika tad-29 ta' Awwissu 2002 il-Gvern legalment ma jistax jitqies bhala proprjetarju assolut, izda sar direttarju tal-proprjeta' bid-drittijiet li jigbor ic-cens u drittijiet residwali ohra. L-Onorabbli Qorit tal-Appell iddecidiet li l-utili dominju kien inghata lill Assocjazzjoni bid-drittijiet ampji li dan id-dritt igib mieghu. Illi din il-Qorti tqis li la darba giet dikjarata nulla l-ordni ta' esproprijazzjoni mill-Onorabbli Qorti tal-Appell isegwi allura li dakinhar li l-Gvern ta' Malta resaq ghall-kuntratt mal-Klabb intimat (liema kuntratt igib data wara d-dikjarazzjoni tal esproprjazzjoni dikjarata nulla) l-istess Gvern qatt ma seta' legalment jaghti jedd ta' emfitewsi temporanja lill-Klabb intimat fuq il-proprjeta' in kwistjoni (pjanta a fol. 10) ghaliex dakinhar tal kuntratt, rizultat tal-effett retroattiv tad-decizjoni tal-Qorti tal Appell, kellu biss jeddijiet ta' direttarju bil-jedd biss li jigbor ic cens u drittijiet residwali.* ***<u>Dan kollu mhux qed tiddecidih il Qorti odjerna fid-decizjoni tallum izda gie dikjarat u deciz mill Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni tat-30 ta' Ottubru, 2015 liema decizjoni llum hija res judicata</u>.***

*Illi fil-kaz odjern il-Klabb intimat qed jeccepixxi li huwa ghandu koncessjoni emfitewtika temporanja favur tieghu permezz tal kuntratt datat 23 ta' Settembru, 2009 (ara l-ewwel, it-tielet u l hames eccezzjoni). L-istess eccezzjoni dwar il-validita' tal-kuntratt tat-23 ta' Settembru, 2009 tressqet mill-kjamat fil-kawza SportMalta fil-hames eccezzjoni tieghu. Dan neccessarjament ifisser li permezz ta' via ta' eccezzjoni kemm il-Klabb intimat kif ukoll il-kjamat fil-kawza SportMalta qed jitlob li din il-Qorti tidhol f'analizi tal-validita' o meno tal-istess kuntratt pubbliku.*

*Illi in vista ta' dak gia deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid decizjoni tat-30 ta' Ottubru, 2015 din il-Qorti ma tista' qatt legalment tiddikjara li l-Klabb intimat jiddetjeni titolu validu fil ligi fuq il-proprjeta' indikata fil-pjanta esebita a fol. 10 tal-process permezz tal-kuntratt tat-23 ta' Settembru, 2009. Din il-Qorti ssostni dan stante li jirrizulta ampju fl-atti li l-Gvern ta' Malta tramite l Kummissarju tal-Artijiet (llum Awtorita' tal-Artijiet) u dik li llum hija Sport Malta dakinhar tal-kuntratt, fit-termini tad-decizjoni tal Onorabbli Qorti tal-Appell, almenu fuq dik il-parti tal-proprjeta' kif indikata a fol. 10 kellhom biss drittijiet residwali bhala direttarju u xejn aktar. Il-Qorti tqis li kieku kellha tiddeciedi li t titolu tal-Klabb intimat huwa validu kif hekk ecceppiet hija tkun qed taghti decizjoni li tikkontradixxi b'mod assolut dak gia deciz u llum jikkonsisti 'f'res judicata' mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.*

*Dan neccessarjament ukoll iwassal lil din il-Qorti ghall konkluzjoni li l-ewwel, it-tielet u l-hames eccezzjoni tar-Royal Malta Yacht Club intimat ma jistghux legalment jigu milqugha u l istess il-hames eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza SportMalta. Stante wkoll li jirrizulta ampju mill-provi li allura l-Klabb intimat huwa biss okkupant tal-proprjeta' in kwistjoni (kif indikata a fol. 10 tal process) u li ma ghandux titolu li llum il-gurnata jista' jigi dikjarat validu fil-ligi minn Qorti jsegwi li din il-Qorti ghandha tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici.*

*Kunsiderazzjonijiet ulterjuri :*

*Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghad diversi sottomissjonijiet u provi li tressqu fl-atti sabiex jittentaw jevidenzjaw b'xi mod li l-Assocjazzjoni attrici setghet b'xi mod naqset mill-kundizzjonijiet kif imposti fuqha fil-kuntratt ta' emfitewsi temporanja datat 29 ta' Awissu, 2002 u tqis kif isegwi :*

*1. li din il-kwistjoni gia giet deciza mill-Onorabbli Qorti tal Appell fis-sentenza kwotata fejn inghad li jekk dik li llum hija l-Awtorita' tal-Artijiet qed tallega ksur tal-obbligi da parti tal-Assocjazzjoni attrici, l-Awtorita' kellha timxi permezz tal-procedura stabilita' fil-kuntratt u cioe' permezz ta' arbitragg u mhux tohrog l-ordni ta' esproprjazzjoni fl interess pubbliku;*

*2. Illi fi kwalunkwe kaz mhux kompitu ta' din il-Qorti, in vista tat-talbiet odjerni, li tidhol f'din il-kwistjoni u li kieku taghmel hekk tkun qed tmur extra petita dak mitlub minnha permezz tar-rikors promotorju odjern."*

8. Naturalment, id-dritt t'appell huwa konċess lit-tellief tal-kawża purche' jkun hemm bażi legali u argumenti validi biex isir dan, ħaġa li evidentement ma kinitx tissussistu fil-każ tal-proċeduri Rik Nru 241/16. Dan qed jingħad għax fis-sentenza tat-13 t'Ottubru 2022 fl-istess proċeduri Rik Nru 241/16 il-Qorti tal-Appell iddeċidiet hekk -

> *"Ukoll, billi hija tal-fehma illi t-tliet appelli huma fiergħa, **<u>maħsuba biex itawwlu ż-żmien</u>**[17], il-qorti, wara li rat l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenuti appellanti jħallsu l-ispejjeż għal darbtejn."*

9. Il-Qorti hawnhekk iżżid ma' din id-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Appell u tiddeplora bl-aktar mod kategoriku l-aġir tal-intimati li b'mod sistematiku li pperdura snin sħaħ baqgħu jċaħħdu lil MPFA minn dak li kellha dritt tgawdi;

10. Anke jekk, kif ingħad lejn l-aħħar fażi tal-kawża, wara li ġie eżegwit il-mandat ta' żgumbrament ordnat mill-Qorti kontra RMYC fis-26 ta' Jannar 2023 u wara li ġew ritornati ċ-ċwievet lill-Istat – avolja mhux ċar mill-atti jekk dan kollu wassalx biex illum il-ġurnata l-MPFA tinsabx mill-ġdid fil-pussess effettiv tal-proprjeta' in kwistjoni – jibqa' l-fatt li għar-raġunijiet imsemmija, għal snin sħaħ l-intimati ċaħħdu ripetutament lill-assoċjazzjoni rikorrenti mit-tgawdija tal-proprjeta' konċessa lilha b'enfitewsi temporanja mill-Gvern fl-2002.

**Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti ssib li l-assoċjazzjoni rikorrenti sofriet ksur ta' drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni.**

**It-tieni talba għalhekk sejra tiġi milqugħa.**

---

[17] Tipa grassa u sottolinear tal-Qorti

**Għall-istess raġunijiet ser jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat enumerati tlieta sa sebgħa, l-eċċezzjonijiet tal-Awtorita' tal-Artijiet enumerati sitta u sebgħa (safejn marbuta mal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni), l-eċċezzonijiet ta' RMYC enumerati sitta sa tmienja (safejn marbuta mal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mal-ewwel artikolu tal-ewwel protokol tal-Konvenzjoni) u l-eċċezzjoni numru ħamsa ta' l-intimata Sport Malta.**

**Fit-tielet talba** l-assoċjazzjoni rikorrenti qegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li hija sofriet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan stante li għal snin sħaħ minn wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 t'Ottubru 2015 hija baqgħet ma ngħatatx rimedju effettiv sakemm ġew konklużi proċeduri ġudizzjarji marbuta mal-proprjeta' mertu tal-kawża oltre l-fatt li proċedura oħra, dik Rik Nru 596/17 fejn qed jintalab kumpens għal okkupazzjoni u użu tal-fond in kwistjoni għadha pendenti.

**L-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi hekk –

> *"Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma*

*mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandujiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli."*

**L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni** jipprovdi hekk –

*"In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law".*

F'sentenza tagħha stess fl-ismijiet **Massimo Abela vs Avukat Ġenerali deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018** din il-Qorti qalet hekk –

*"Il-prinċipji ġurisprudenzjali in materja, kemm dawk lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB"), huma ormai ben stabbiliti. Fost l-ewlenin il-Qorti tissottolinea li:*

*1. Kemm l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jestabilixxu li bħala parti mid-dritt għal smiegħ xieraq, deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' natura ċivili u anke dawk ta' natura kriminali għandhom jinqatgħu **fi żmien raġjonevoli**. Dan sabiex il-partijiet fil-proċeduri quddiem il-Qrati jiġu protetti minn dewmien proċedurali eċċessiv li jista' jkun ta' preġudizzju għalihom kif ukoll sabiex il-kredibilita' u l-effettivita' tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ma tiġix mittiefsa.*

*Kif qalet il-QEDB fil-każ **Moreira de Azevedo v Portugal**[18] -*

*"By requiring that cases be heard "within a reasonable time", the Convention stresses the importance of administering justice without delays which might jeopardise its effectiveness and credibility….."*;

*Fil-każ **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali deċiż fit-22 t'April 2015**[19] din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk -*

[18] App. Nru 11296/84 deciz fit-23 t'Ottubru 1990, para 74
[19] Rik Kost 71/10

*"Illi f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively'"*[20]*;*

*Illi ngħad ukoll b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-audi alteram partem u tan-nemo judex in causam propriam. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża*[21]*;*

*Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien*[22]*. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;*

*Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*

*Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 talKonvenzjoni, "... (that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [Katte Klitsche de*

[20] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164

[21] Kost. 10.6.1966 fil-kawża fl-ismijiet **Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et** (mhix pubblikata)

[22] Kost. 27.6.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Brincat vs Il-Prim Ministru et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.160)

*la Grange vs Italy (27/10/1994)]"*[23]*. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [Horvat vs Croatia (26/7/2001)]"*[24]*;*

*(.....)*

*2. Fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar ir-raġjonevolezza o meno tal-perjodu li fih ikunu nstemgħu il-proċeduri kontra l-individwu konċernat għall-fini tal-protezzjoni mogħtija fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni dwar id-dritt għal smiegħ xieraq il-kuntest tal-evalwazzjoni huwa wieħed wiesgħa. Kif qalet il-Qorti fil-każ ċitat* ***Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali*** *-*

*"Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("dies a quo") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir lgħażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti*[25]*. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("dies ad quem") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell*[26]*;"*

*3. Inoltre tali evalwazzjoni m'għandiex tiġi stabbilita in vacuum jew a bażi biss tan-numru ta' snin li tkun damet għaddejja l-kawża, imma għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ in ezami u ċ-ċirkustanzi kollha li l-Qorti tkun qed taħdem fihom fiż-żmien in kwistjoni.*

*L-awturi* ***Van Dijk, P.*** *u* ***van Hoof, F*** *fil-ktieb tagħhom, '****Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** *qalu hekk -*

[23] Ara QEDB 28.7.1999 fil-kawża fl-ismijiet A.P. vs Italja (Applik. Nru. 35265/97) § 18
[24] Ara QEDB 19.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet Culjak vs Kroazja (Applik. Nru. 58115/00) § 63
[25] QEDB 25.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet Dobbertin vs Franza (Applik. Nru. 13089/87) §§ 9 u 38
[26] QEDB 19.2.1991 fil-kawża fl-ismijiet Angelucci vs Italja (Applik. Nru. 12666/87) § 15

*"After the length of the relevant period has been established, it must be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, while in other cases it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract, but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case[27]."*

*4. Fil-kors tas-snin kemm il-QEDB kif ukoll il-Qrati tagħna stabbilew diversi kriterji li tagħhom għandha tittieħed konsiderazzjoni fl-eżerċizzju msemmi.*

*Kif issottolineat din il-Qorti diversament preseduta fil-każ* ***David Marinelli vs Avukat Ġenerali***[28] -

*"B'mod ġenerali, biex jiġi determinat jekk is-smiegħ f'xi proċeduri quddiem il-Qorti sarx fi żmien raġjonevoli kif miktub mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha partikolari f'dawk il-proċeduri, u b'mod partikolari: 1. in-natura u/jew komplessità tal-każ in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u 3. il-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja stess".*

*Fil-każ* ***Joseph Manuel Galea et vs Avukat Generali***[29] *din il-Qorti diversament preseduta kompliet hekk –*

*".....il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża "**Gatt vs Avukat Ġenerali**", deċiża fit-28 ta' Frar, 2014, għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet ġuridiċi:*

*"12. Hu ormai ben assodat, kemm fil-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropeja li, biex jiġi aċċertat jekk it-tul ta' żmien li ħadu l-proċeduri kienx ragjonevoli jew le għall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni għandhom jiġu eżaminati ċ-ċirkostanzi kollha partikolari tal-każ b'mod partikolari l-komplessità tal-każ li kien qed jiġi deċiż, kif ġab ruħu r-rikorrenti fil-kors tal-proċeduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess proċess u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-istess proċeduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jiġi deċiż b'mod finali l-każ. (Vide* ***Frydlender v. France*** *GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII).*

[27] Paġna 606 (4 edizzjoni)
[28] Rik Nru 5/08 deciz fit-3 ta' Lulju 2008
[29] Rik Nru 88/13 deciz 15 ta' Mejju 2015

*Għalhekk f'kawża bhal din m'għandux biss sempliċement jigi konsidrat it-tul effettiv kemm damet il-kawża biex tiġi deċiża. Għandhom ukoll jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi oħra."*

*Fil-każ* ***Francis Theuma vs Avukat Ġenerali***[30] *kompla jingħad hekk -*

*"S'intendi, dawn il-kriterji jridu jiġu applikati għall-każ konkret u mhux fl-astratt, b'mod għalhekk li għandu jiġi eżaminat sew il-proċess li jkun qed jiġi allegat li jagħti lok għall-ksur lamentat. Ma hemmx, għalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli għal kull każ, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minħabba dewmien mhux raġonevoli".*

*Ingħad imbagħad fil-każ* ***John A. Said pro et nomine vs. Avukat Ġenerali***[31]*-*

*"Għalhekk skont dawn il-prinċipji l-ebda fattur partikolari ma huwa waħdu konklussiv, imma l-Qorti trid teżamina l-fatturi kollha separatament biex tivvatula l-effett kumulattiv fuq il-proċeduri fl-intier tagħhom sabiex tara jekk dawn ġewx magħluqa fi żmien raġjonevoli. Il-Qorti tista' ssib li fattur partikolari kien leżiv mentri fatturi oħrajn ma kienux".*

Kif ingħad fil-ġurisprudenza ċitata, l-evalwazzjoni dwar ir-raġjonevolezza o meno tad-dewmien tal-proċeduri trid tittieħed fil-kuntest taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ.

Jekk wieħed iħares lejn il-proċeduri Rik Nru 241/16 dawn ġew intavolati fis-sena 2016 u ġew deċiżi fi żmien erba' snin fil-15 ta' Settembru 2020 filwaqt li wara l-appell tal-intimati dawn ġew deċiżi definittivament mill-Qorti tal-Appell sentejn wara fit-13 t'Ottubru 2022.

[30] App Nru 737/00 deciz fis-27 ta' Gunju 2003
[31] Rik Nru 63/10 deciz fil-11 ta' Novembru 2011

Għal dak li jirrigwarda l-proċeduri Rik Nru 596/17, dawn ġew intavolati fl-2017 u għadhom pendenti sal-lum u jinsabu differiti għal Novembru 2024 għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuta RMYC.

Jekk dawn il-proċeduri jiġu analiżżati b'mod iżolat il-Qorti tasal biex tgħid li meta tqis in-natura tal-każ, il-kondotta tal-partijiet fil-kawża, u l-mod kif dawk il-proċeduri ġew trattati u kondotti mill-awtorità ġudizzjarja, id-dewmien mhuwhiex irraġjonevoli.

Madankollu meta wieħed ipoġġi t-tul ta' dawn il-proċeduri fil-kuntest tal-fatt li sa mit-30 t'Ottubru 2015 il-Qorti Kostituzzjonali kienet diġa' ddeċidiet li tannulla l-Ordni ta' esproprjazzjoni bil-konsegwenzi kollha li tali sentenza ġġib magħha, allura x-xenarju jinbidel kompletament għax dan ifisser li minn dakinhar sallum l-assoċjazzjoni rikorrenti għadha qed tissielet biex issir ġustizzja magħha fil-Qrati għal dak li suppost ingħatalha lura sa mill-2015.

Għalhekk ma jistax jingħad li hija rċeviet smiegħ xieraq għeluq żmien raġjonevoli.

**It-tielet talba tal-assoċjazzjoni rikorrenti sejra tintlaqa'.**

**Għall-istess raġunijiet ser jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet tmienja u disgħa tal-Avukat tal-Istat, il-bqija tal-eċċezzjoni numru sebgħa u l-eċċezzjoni numru tmienja tal-Awtorita' tal-Artijiet, il-bqija tal-eċċezzjoni numru sitta ta' RMYC u l-eċċezzjoni numru sitta tal-intimata Sport Malta.**

**Fir-raba' talba** l-assoċjazzjoni rikorrenti titlob lill-Qorti tiddikjara li l-aġir tal-intimati jew min minnhom wassal għal ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni stante li huma naqsu li jagħtu rimedju effettiv.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk -

> *"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

Il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddilunga dwar din it-talba. Kif diġa' kkonstatat fis-suespost, minħabba l-ksur ta' drittijiet fundamentali l-assoċjazzjoni rikorrenti ma ngħatatx rimedju effettiv mingħand l-intimati li, kif ingħad, ma ħadu ebda passi konkreti biex jipprovdu lill-assoċjazzjoni rikorrenti dak li kien dovut lilha minkejja r-rimedju li kienet akkordat il-Qorti Kostituzzjonali fl-2012. Addirittura, l-assoċjazzjoni rikorrenti spiċċat li kellha tiftaħ hi stess il-proċeduri ulterjuri biex tieħu dak li ħaqqha.

**Ir-raba' talba għalhekk ser tintlaqa'.**

Għall-istess raġunijiet ser jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet enumerati għaxra u ħdax tal-Avukat tal-Istat, disgħa tal-Awtorita' tal-Artijiet u sebgħa u tmienja ta' SportMalta.

**Fil-bqija tat-talbiet** l-assoċjazzjoni rikorrenti qed titlob rimedji xierqa għall-ksur ta' drittijiet fundamentali li sofriet.

Tenut kont tal-fatt li l-assoċjazzjoni rikorrenti diġa' ottjeniet xi rimedji mill-fora ordinarji u qed tistenna l-eżitu ta' oħrajn li għadhom pendenti, il-Qorti tqis li kumpens li jagħmel tajjeb għall-ksur ta' drittijiet fundamentali huwa l-aktar wieħed xieraq fiċ-ċirkustanzi.

Wara li rat l-atti u ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ il-Qorti tqis li għandha takkorda s-somma ta' €25,000 lill-assoċjazzjoni rikorrenti, liema somma l-intimati għandhom iħallsu solidalment bejniethom.

A skans ta' kull ekwivoku, dan il-kumpens ikopri biss il-vjolazzjoni ta' drittijiet fundamentali subiti fil-proċeduri odjerni.

**Il-ħames, is-sitt u s-seba' talba ser jintlaqgħu limitatament kif ingħad.**

**Għall-istess raġunijiet ser jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet numru tnax tal-Avukat tal-Istat, għaxra tal-Awtorita' tal-Artijiet u l-eċċezzjoni numru disgħa ta' SportMalta.**

**Ser jiġu miċħuda wkoll il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni numru tnejn tal-Avukat tal-Istat u r-raba' eċċezzjoni ta' Sport Malta, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Onorevoli Prim Ministru u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimati;**

**2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba;**

**3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-fatti fuq esposti jammontaw ghal ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha taħt l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;**

**4. Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi minħabba id-dewmien fuq imsemmi u l-fatti l-ohra fuq esposti hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-**

**assoċjazzjoni rikorrenti taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew Artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea billi ma ngħatawx smiegħ xieraq fi zmien raġonveoli;**

**5. Tilqa r-raba' talba u tiddikjara illi kawza tal-aġir tal-intimati jew min minnhom kif hawn fuq espost hemm ksur tad-dritt fondamentali tagħha ai termini tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan billi l-intimati jew min minnhom naqsu milli jaghtu rimedju effettiv;**

**6. Tilqa' limitatament il-bqija tat-talbiet billi tordna l-ħlas fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) lill-assoċjazzjoni rikorrenti bħala rimedju għal vjolazzjonijiet subiti.**

**7. L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-intimati solidalment bejniethom.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reg.**